# L-IBLEH TAŻ-ŻENQA T-TWILA

Kien trabba m'ommu, bla ma jaf min kien missieru, f'daqsxejn ta' kamra mudlama u niedja f'qiegħ il-Belt fl-inħawi tal-Għajn il-Kbira bejn l-Ixprun u s-swar ta' Sant'Jermu. Ommu Pina kienet taħsel xi biċċtejn ħwejjeġ tal-baħrin għand ħassiela li kellha x-xogħol tal-ħasil tal-ħwejjeġ ta' xi bastimenti tal-gwerra; u 'l hawn u 'l hinn taħsel ukoll l-art ta' xi ħwienet tax-xorb fit-Triq id-Dejqa fejn kienet iġġorr it-tifel magħha ilaqqat xi sold minn għand xi baħrin jarawh jaqlibha minn tarf sa tarf il-ħanut, jagħmel il-kukumbrajsi, u, wara li jwaqqaf saqajh il fuq, iferfirhom fl-ajru, u rasu 'l isfel b'idejh ma' l-art jinqaleb il quddiem u lura jew idur bħal raddiena. Kien għad għandu xi seba' snin, ħalqu ftit imgħawweġ u għajnejh imberrqin, iħarsu ċass lejn wiċċ kull min ikellmu. Kellu bixra ta' tifel ibleh; bilkemm jaf igħaqqad erba' kelmiet u, meta jitkellem, ilaqlaq u jtemtem. In-nies ta' dik il-ħara kienu laqqmuh Żażu l-Ibleh. It-tfal ġirien tiegħu u dawk tat-Trieq id-Dejqa li kienu jkunu bit-tilar ibigħu s-spapen tal-fwieħa, ix-xfafar ta' l-imwies tal-leħja u xi mkatar tal-bwiet madwar il-ħwienet tax-xorb u l-*cabarets* dlonk kienu jinbxuh biex jaqlibha, jiġbdulu l-qmis, igħajbuh u jissuttawh b'xi frotta mħassra.

Żażu sa minn ċkunitu kien dara jbati fil-ġisem u fir-ruħ; qalbu kienet safja u ċkejkna u ma tafx tisbel, għax ma kienx jifhem u jħoss iż-żebliħ u n-nigża ta' l-ilsna tad-dinja. Iżda

għal ommu kien iħoss mhux ftit, kien jaqdiha bil-qalb u jisma' kliemha u kulma jaqla' jmur jiġri jitfagħhulha f'qiegħ idejha. Jekk ma tkunx tiflaħ u timtedd, għax għajjiena jew rasha tuġagħha, huwa ma jiċċaqlaqx minn ħdejha, jixtrilha, isaħħnilha, inewlilha u, jekk hemm bżonn, jisqiha; jekk ma toħroġx u torqod, minn fuq il-għatba ma tiċċaqlaqx.

Maż-żmien it-tfal drawh u bdew iżiegħlu bih. Għax hu kien igħaddilhom iż-żmien idoqqilhom l-organett li kien tgħallem idoqq bi ħlewwa liema bħalha; daqqa jisimgħuh idoqq bl-organett il-għanja ta' *Rosalie*, tas-*Sweetheart* jew *Yours* u daqqa jisimgħuh jinbaħ bħal klieb, inewwaħ bħal qtates, jivversja bħal gardell, jinħaq bħal ħmar, jidden bħal kalandra; għalkemm moħħu ma jilħaqlux biex jifhem u jagħleb il-ħżunija tad-dinja, bil-ħila ta' widnejh u ta' lsienu kien tgħallem jonfoħ u jdoqq l-organett u jsamma' kemm-il-għanja li kienet tindaqq fil-ħwienet, kif ukoll is-sengħa li jsamma' l-leħen ta' kemm-il-bhima jew tajra u jgħaġġeb lin-nies tat-toroq u lill-baħrin tal-ħwienet li kienu jwaqqfu l-ħarsa tagħhom fuqu u jitfgħulu s-soldi.

Malli sebaq it-tnax-il-sena, ommu biex tkun tista' taqdi u tlaħħaq max-xogħol tal-ħasil tal-ħwejjeġ il-ġurnata kollha, għax ix-xogħol tal-ħasil tal-ħwejjeġ kien żdied bil-bastimenti tal-gwerra deħlin u ħerġin mill-port, telqet lit-tifel madwar Ġakbu l-agħma, ġar tagħha, li kien igħix f'kamra f'kerrejja ma' ġenbha. Dan, flimkien ma'Indrì sieħbu li jdokk il-kitarra, kien idoqq il-vjolin fil-ħwienet tax-xorb taż-Żenqa t-Twila kull fejn ma kienx ikun hemm id-daqq tal-*Jazz Band*, f'dawk ta' Balzunetta, u, meta tidħol il-flotta, f'dawk ta' l-Isla wkoll.

Hekk trabba Żażu bla ma ommu bagħtitu skola, għax moħħu ma kienx jarfa', għalkemm kellu widna hekk tajba għad-daqq u ħalq biex ixebbah kull leħen li jisma' u sengħa biex iħarrek u jgħawweġ riġlejh, idejh u ġismu kollu bħal serp b'għaġeb ta' kulħadd. Il-għodwa kien iqattagħha jgħin lix-xiħ Ġakbu jixtri u jsajjar xi bukkun li kien jaqsam miegħu u, wara nofs in-nhar, ma' nżul ix-xemx kien jaqbad f'id ix-xiħ l-agħma li bil-vjolin qadim tiegħu taħt abtu, biċċaqliqa ċ-ċaqliqa kien jasal mat-tifel għand Gori tal-*Long Bar* f'tarf l-ewwel kantuniera taż-żenqa fejn kien isib lil sieħbu Indrì tal-kitarra, u, wara li huwa u sieħbu jikkurdaw il-kordi taż-żewġ strumenti, jiġbdu l-ewwel daqqa f'dak il-ħanut, imbagħad wara nofs siegħa jżuru xi erba' ħwienet żgħar oħra mwarrba u jerħulha lejn Balzunetta fejn wara xi tliet żjajjar oħra fi ħwienet imwarrba wkoll, kienu mal-ħdax

ta' bil-lejl, fil-ħinijiet ta' l-egħluq tal-ħwienet idawru denbhom għal djarhom; l ewwel ma jasal Indrì li kien joqgħod f'qiegħ l-Arċipiergu u mbagħad it-tnejn l-oħra, Ġakbu mat-tifel, jissoktaw għat-Triq tal-Għajn il-Kbira fejn Żażu jdaħħal iċ-ċ vetta fit-toqba tal-bieb tal-kamra ta'Indrì, jixgħel il-lampa bit-tubu nofsu miksur u miksi bil-karti, jieħu l-vjolin minn idejn l-agħma, jixgħellu l-kuċiniera, jagħmel fuqha l-bott tat-te, jagħlaq il-bieb urajh, iħabbat bieb ommu, din twieġbu, tagħtih jiekol, u, wara li jgħid is-Sliema, l-iktar ħaġa li tgħallem igħid, u jbus kemm-il-Santa li ommu kellha mdendla mal-ħajt, kien jimtedd għal mejjet.

Żażu f'kull ħanut li jidħol maż-żewġ daqqaqa kien bejn daqqa u oħra, wara li jiġbor is-soldi fil-plattina, isamma' it-tinbiħ tal-kelb, it-tinwiħ tal-qtates, l-inħir tal-ħmir, it-taqtiq tal-kalandra u t-tiddin tas-serduk u juri s-sengħa tiegħu tal-għaġeb b'kemm-il-tidwir u tagħwiġ ta' ġismu, u kulħadd jiskot u jħares lejh b'ħalqu miftuħ u jinsa li qiegħed quddiem dak il-wiċċ ta' ħalqu mgħawweġ u ta' għajnejn imberrqa u ta' lsienu jtemtem, b qalziet imraqqa' bi drapp ta' kull lewn, u bi qmis imċarrta, sidru miftuħ, b'labtu tal-Madonna tal-Karmnu mdendel m'għonqu.

Ġara li darba Ġakbu l-agħma nxteħet f'qiegħ ta' sodda b'riħ qawwi u deni fuqu. Ħaduh l-Isptar u minn hemm fl-aħħar fid-Dar tax-Xjuħ, l-Ingieret, u Żażu sab ruħu waħdu.

Imdorri jgħaddi l-ljieli fil-ħwienet u jlaqqat xi sold bil-logħob ta' ħalqu, ta' riġlejh u ta' idejh, kull lejla kont tarah b'dik il-ħarsa ċassa tal-ħniena jersaq lejn il-bieb ta' xi ħanut tax-xorb u ta' xi *cabaret* fit-Triq id-Dejqa minn fejn kien jisma' d-daqq tal-*Jazz Band*, iż-żarżir tal-kurunetti, it-taħbit tal-katuba, iċ-ċekċik ta' plattini tar-ram u d-daqq taċ-ċimblu, imħallat ma' għajat, daħk u twerżiq; iżda lil Żażu ħadd ma kien jistiednu biex juri l-ħila tas-sengħa tiegħu. Huwa ma kienx jixxennaq biex jitħenna bis-sbuħija ta' wiċċ it-tfajliet b'ilbies ħafif imżewwaq u mqaċċat jiżfnu u jitgħannqu mas-suldati u baħrin qishom ħafna friefet xewqanin bla qatt xebgħanin jittajru qalb il-ward,u għalkemm issa kien laħaq iż-żmien li bdiet tidher xi sufa ma' lħitu, qalbu ma kienet tħoss ebda xewqa għal mara.-Qatt ma semma l-Isem t'Alla fil-batal u Alla żamm driegħu fuqu. Fost in-nisa lil ħadd ma ħabb ħlief 'l ommu,u, meta waħda minn dawk it-tfajliet, Sissy, li kienet tafu fi ħwienet oħra ma' Ġakbu l-agħma, biex tiddieħak bih u ġġagħal lill-parruċċani jgħaddu ż-żmien bih, stidnitu jidħol fil-ħanut u qabditu labranzetta tidħak kemm

tiflaħ u ressqitu f'nofs is-sala l-kbira tal-ħanut quddiem il-*Jazz Band* u talbitu biex jurihom kif jidden is-serduk jew kif inewħu l-qtates meta jiġġieldu u bdiet tmellislu wiċċu b'idejha t-tnejn b'dawk is-swaba' bid-difrejn ħomor u kollhom fwieħa u ddawwar idejha x-xellugija ma' għonqu u tressaq wiċċha miżbugħ aħmar ma' wiċċu li kien beda jiħrax bl-erba' xagħriet ta' lħitu u tgħidlu, biex tiddieħak: "Kemm inħobbu lil Żażu tiegħi; x'wiċċ ta' zokkra għandu, l-għażiż beċċun ta' qalbi!", u tagħfaslu b'idejha l-leminija geddumu, huwa xejn ma ċċaqlaq, wiċċu xejn ma tbiddel, iżda baqa' jħares lejn baħri li kien qed jiżfen it-*tap-dancing*, jarah iħabbat saqajh ma' l-art waħda wara l-oħra mingħajr qatt ma jehda u ma' kull taħbita ta' sieq ta' waħda jew l-oħra jtalla' u jniżżel idejh, flimkien mat-ton u t-temp taddaqq tal-*Jazz Band* fil-waqt li ma' kull żarżira għolja talkurunetta u mad-daqq tal-katuba jieqaf u jdur, idur u jarġa' jieqaf, jixħet u jħabbat pass il quddiem u ieħor lura u mbagħad b'riġlejh miġburin jarġa' jinfexx iħabbat, bla ma saqajh ma' l-art jaqta', taħbita wara l-oħra.

Hekk kif dak il-baħri waqaf miż-żifna u qata' d-daqq u nstama' ċ-ċapċip ta' idejn maċ-ċekċik ta' tazez u l-agħjat tal-baħrin l-oħra, Sissy telqet lil Żażu f'nofs is-sala, dan bi tbissima fuq fommu, flok ma fetaħ ħalqu l-imgħawweġ biex isamma' l-leħen tas-serduk jidden jew it-tinwiħ talqtates jiġġieldu, fetaħ idejh, ħabbat taħbita riġlejh ma' l-art, u waqqaf il-ħarsa tiegħu fuq in-nies tad-daqq. Dawn donnhom fehmuh u dlonk reġgħu bdew iżarżru, inewħu, iwerżqu, iċekċku, jċaqċqu b'kull biċċa għodda li kellhom f'idejhom b'ħafna żeglig ta' ġisimhom, infiħ ta' nifs b'ħalqhom, tixjir ta' idejn u tbandil ta' rjus, qishom ħafna pupi jiċċaqalqu... u Żażu erħilu jaqbad it-temp tad-daqqa u jibqa' sejjer jagħti b'riġlejh iħabbtu ma' l-art bla ma jaqta' u ma' kull taħbita ta' riġlejh iċaqlaq idejh il fuq u 'l isfel bħal dak il-baħri u jinxteħet il quddiem u lura u jarġa' jross riġlejh ma' xulxin u jħabbathom taħbita wara l-oħra ma' l-art bla ma jaqta' qatt bħal dak il-baħri mingħajr ma jaħrablu pass, mingħajr ma jaqta' nifsu, jibqa' sejjer dejjem jaqdef b'saqajh u b'idejh fuq il-mewġ ta' dak il-ġenn ta' daqq imgħaġġel mingħajr xejn ma jitfixkel, sakemm bit-temp iktar imħarrek id-daqq deher li wasal fl aħħar u qata' f'daqqa waħda b'taħbita kbira tal-katuba. Il-baħrin ta' madwar Żażu, bħal barra minn sensihom, infexxu jgħajtu: *Well done!...Well done boy!* u ħabbtu qiegħ it-tazzi mal-mejda u bdew jixħtu s-soldi ma' riġlejn Żażu. It-tifel kien bil-

kemm għalaq iż-żifna u ħabbat l-aħħar taħbita ta' għarqubu ma' l-art x'ħin Sissy inxteħtet b'idejha miftuħin fuqu, tgħannqu u tbusu... U dak it-tagħniq, żegħil u bews din id-darba ma kienx taċ-ċajt.

Dik il-lejla Żażu mar id-dar bil-bwiet mimlijin soldi li mar iferragħ f'ħoġor ommu b'dik it-tbissima belhenija, itemtem, kollu ferħan. Ommu mlietlu żaqqu bi platt minestra li kien ilu ma jduq bħalha, b'biċċa għadma tal-perżut, u b'tazza tè bil-ftiet tal-ħobż tal-birra, u meta nxeħet fuq is-senduq u għajnu marret bih, il-ħolma tiegħu kienet kollha ta' *Jazz Band* u żfin.

Hekk Żażu, sa dak in-nhar, kien għadda ħajtu. Għalkemm ġie li bata l-ġuħ, hu qatt ma kien ħass l-imrar tad-dinja. Huwa qatt ma kien ħareġ demgħa minn għajnejh—lanqas meta xi tfal qalbhom ħażina darba kienu fixkluh b'saqajhom huwa u jinqaleb ma' l-art u ħabat nagħsu u ħareġ id-demm. Iżda meta faqqgħet il-gwerra u l-għadu ħebb għall-Gżira bl-iġfien ta' l-ajru u beda jiżra' l balal tan-nar fuq il-bini ta' l-ibliet tal-Gżira u jġarrafhom—lejla waħda tas-sajf b'qamar jiddi, x'ħin kien qiegħed f'kantuniera tat-Triq id-Dejqa bl-organett f'ħalqu jsamma' biċċa mid-*Donkey Serenade* tal-*Firefly* imdawwar b'erbgħa minn nies ta' fuq is-sur—meta bosta mill-ħwienet kienu jkunu magħluqin nhar u lejl, u l-belt kienet baħħ—huwa kellu għal għarrieda jħoss qalbu tingħafas, għall-ewwel darba, bit-tnalja tan-niket, li minn dak in-nhar baqa' dejjem iħoss, tista' tgħid, għall-bqija ta' ħajtu kollha.

Bħal leħħa ta' berqa li tidher f'daqqa waħda taqsam id-dalma tal-lejl mix-xefaq minn fejn ikun tielgħa sħab ikreh, hekk ukoll, lanqas biss laħqet semmgħet is-sirena l-għajta tagħha newwieħa, xħin għal għarrieda mal-leħħa ta' l-isparar tal-kanun tal-batterija tal-Madliena u ta' San Pietru u ta' fuq is-Swar ta' Sant'Jermu, instama' jredden ajruplan tal-għadu għaddej jiġri jaħrab in-nar minn fuq il-port u jogħdos fuq is-swar ta' Sant'Jermu—u, mat-tisfira li nifdet l-ajru hekk kif tbiegħdu l-ħsejjes tal-makna—ir-riħ ta' bomba li niżlet ftit il-bogħod minn fejn kien hemm Żażu ma' dawk in-nies ta' madwaru, b'ħoss li riegħdet l-art u l-bini kollu, fetħet bibien u twieqi, kissret injam u ħġieġ u waqqgħet ħitan u gallerji ta' bini u qajmet bħal sħaba ta' trab li għattiet is-sema, it-triq u l-bini kollu ta' ma' tul is-swar mid-daħla ta' Sant'Jermu 'l ġewwa. Żażu u n-nies ta' madwaru bilkemm kellhom żmien jiċċaqalqu u jaħarbu biex jistkennu;

ir-riħ xeħithom minn tulhom fl-art u xerridhom 'l hawn u 'l hinn bħal ħafna iġsma f'kamp ta' taqbida.

Żażu meta fetaħ għajnejh ħass rasu fiergħa; ma sata' jiftakar xejn x'għadda minn għalih. Ma satax jiġi f'sensih li ma kinux il-weġgħat li ħass f'minkbejh u t-tingiż u ħruq ta' xi qasmiet fil-ġilda ta' wiċċu li kien nofsu nfaxxat. Meta stejqer intebaħ li kien fuq is-sodda ħdejn xi wħud minn dawk in-nies li l-lejl ta' qabel kienu qed jisimgħuh idoqq l-organett... u xħin wara ftit ġiet is-soru u newlitlu skutella biex jixrob minnha, u fetaħ għajnejh sewwa, huwa baqa' bħal miblugħ. Is-soru ressqitlu l-iskutella ma' xofftejh, iżda hu ma riedx jixrob għax dik ma kenitx ommu li soltu kienet tnewwillu t-tè fis-sodda. "Il-mamma...il-mamma!" beda jtemtem "il-mamma!"... u nfexx jibki.

* * *

U l-mamma, kif hekk baqa' jsejħilha, għalkemm issa kien qorob biex jagħlaq il-għoxrin sena, l-imsejken ta' Żażu ma rahiex ! Iżda meta darba sata' jagħlaq għajnejh u ma jħossx l-uġigħat ta' rasu u wiċċu u minkbejh u jinsa d-dwejjaq ta' qalb, dehret quddiem għajnejh bħal xbieha ħanina ta' omm oħra li ommu kienet għallmitu jitlob qabel ma jorqod quddiem daqsxejn ta' nkwatru qadim li kellu mdendel mal-ħajt ta' ma' ġenb soddtu. Kienet ix-xbieha tal-Madonna bil-Bambin Ġesù f'ħoġorha. Dlonk ċaqlaq rasu, tbissem, fetaħ għajnejh; qalbu strieħet, dawwar wiċċu. Il-morda ta' madwaru kienu reqdin. Kien hemm soru ddur mas-sala bħal ruħ bajda fid-dlam miksur minn ħajta dawl ta' lampa tixgħel quddiem statwa tal-Madonna bil-Bambin Ġesù f'ħoġorha. Dak il-ħin is-soru, bħal donnha mwaqqfa minn sejħa ta' dak il-wiċċ ħanin waqfet bħal bniedma li qiegħda tissamma': xofftejha bdew jitħarrku u Żażu deherlu li sama' bħal leħen iqajmu u jgħidlu: "Ibni, jien, għadni ħajja... la tibża' xejn. Jien u Ġesù, it-Tfajjel ta' ħoġri li kont tħobbna u tiftakar fina qabel ma torqod, nieqfu miegħek flok ommok... ommok qiegħda magħna." Żażu ftakar f'dik it-talba, u weġibha: "Sliema għalik, Sultana, Omm tal-ħniena, ħajja, ħlewwa... Sliema, għalik, Lilek ngħajjat"... Għalaq għajnejh u raqad.

Wara xi xahar huwa fieq mit-tfekkik ta' idejh u mill-qasmiet li kellu f'rasu u f'wiċċu u ħareġ mill-Isptar. Dlonk telaq lejn daru, iżda flok il-bini u l-kamra fejn kien joqgħod hu flimkien ma' ommu, kien hemm borġ ġebel. Dik

il-lejla li daħal dak l-ajruplan tal-għadu u waqgħet dik il-bomba u r-riħ tagħha kien sabbtu ma' l-art għal mejjet, kienu ġġarrfu d-djar ta' dik il-ħara, u ommu, ma' ħafna nies ġara tagħhom, kienu ntradmu taħt dak ir-radam ta' ġebel. Bla ma sata' jifhem sewwa x'kien ġara minn ommu, Żażu bil-ħarsa ċassa, jitbandal u jhewden bħal bniedem fis-sakra, u bid-dmugħ f'għajnejh, beda jsejjaħ 'l ommu sakemm qata' qalbu li ommu twieġbu minn taħt dak ir-radam ta' ġebel; qagħad bil-qiegħda fuq skaluna ta' tarġ imwaqqa', għaddas rasu bejn il-keffa ta' idejh u baqa' hemm-hekk ħosbien...Dik l-ewwel darba f'ħajtu li deher jaħseb...

Minn dak in-nhar ma fittixx iżjed li jersaq bħas-soltu lejn iż-żenqa t-twila fejn dari kien jedha f'xi ħanut idoqq l-organett, jinqaleb u jitkabras, rasu 'l isfel u saqajh il fuq, jew jaqbeż u jħabbat saqajh mad-daqq tal-*Jazz Band*. Il-lum dik iż-żenqa qisha ħerba—l-erba' ħwienet li baqgħu fuq saqajhom, jew b'xi ħitan għadhom sħaħ, kienu jew magħluqin, jew, jekk miftuħin, għax biebhom imfarrka, huma baħħ u baħħ ukoll dik il-mogħdija taż-żenqa t-twila—u l-qalb ta' Żażu kienet ukoll hemmhekk midfuna fil ħemda waħxija ta' dak iċ-ċimiteru ta' bini mwaqqa'!

Żażu ħarab mill-belt u, rasu mgħaddsa, bla ma jiflaħ iġorr it-toqol ta' dwejjaq ta' qalb, qabad it-triq ta' barra l-bibien tal-Bombi, niżel il-Marsa, tala' minn fuq Kordin u baqa' sejjer u għadda minn belt nofsha mwaqqgħa', minn fuq l-għoljiet u x-xagħri, minn taħt bibien ta' swar u oħra, u baqa' sejjer 'l hinn u 'l hinn 'l bogħod sa ma laħaq l-egħlieqi bil-baħar ileqq taħt id-dwal iħeġġu tax-xemx, bil-kampnar baxx ta' knisja qadima f'tarf ta' mogħdija matul il-ħitan ta' sur għoli b'xi kappara 'l hawn u 'l hinn ħierġa minn xi xaqq. Kien il-ħin ta' nofs in-nhar u għalkemm kien għoddu wasal ix-xahar tal-Vitorja, l-art kienet tikwi u ebda żiffa ma kienet tħarrek il-weraq tal-ħarrub ta' wara l-ħitan tas-sejjieħ ta' l-egħlieqi—ebda tpespis ta' għasafar ma kien jikser dik il-ħemda ta' nofs in-nhar sajfi ħlief it-treddin taż-żarżur li ma jieqaf qatt mill-agħjat tiegħu. Kullimkien xemx u nixfa.

Żażu wasal f'tarf it-triq. Wieqaf fuq mansab ta' ġebel qadim kien hemm f'nofs ta' qawra salib kbir iħares lejn il-faċċata ta' kunvent qadim, mgħottija b'żewġ ħnejjiet li minn taħthom tgħaddi mil-lemin għall-bieb tal-knisja u mix-xellug għall-bieb tal-kunvent. Żażu sab rokna taħt waħda mill-ħnejjiet, gerrem biċċa ħobż li qala' minn ħobbu u stenna li jiftaħ il-bieb tal-kunvent biex jitlob ftit ilma u jxarrab griżmejh mill-għatx li kellu.

* * *

Malli l-agħsafar ta' fuq is-siġra li taħtha Żażu kien igħaddi l-lejl mixħut fuq marqad tal-weraq niexef fil-għalqa ta' ma' ġenb il-kunvent, għodu għodu kienu jisbħu geġwiġija waħda jgħannu bla hedu ta' xejn. Żażu erħilu jqum u jitlaq b'ġirja waħda lejn il-knisja, u f'rokna quddiem inkwatru tal-Madonna bil-Bambin Ġesù f'ħoġorha jinxteħet għar-rkobbtejh, joħroġ il-kuruna, u b'għajnejh imberrqin, bla ma jaqlagħhom minn dak il-wiċċ ħanin, itemtem is-Sliema waħda wara l-oħra għal siegħa sħiħa.

Fra Krispin, is-sagristan tal-Knisja, għall-ewwel ħasbu xi mherwel maħrub mid-Dar ta' l-Imġienen u dlonk kien igħassislu u jdonnih b'ħarsa 'l hawn u 'l hinn minn taħt; iżda l-Gwardjan li rah jitlob għal darba u tnejn kif għaddej minn ħdejh biex jisma' l-qrar intebaħ bil-moħħ dgħajjef iżda qalb safja ta' Żażu u kien ta' kull darba jtaptaptlu fuq dahru.

Żażu għall-ewwel għax ħajja tal-għakkarija ma' ġenb il-kunvent fejn għamel f'rasu li jqatta' l-ġranet ta' ħajtu. Mażżmien ma baqax hekk imgerrex bħalma kien u dlonk kont tarah igħin lil Fra Girgor il-ġardinar jagħżaq l-egħlieqi tal-kunvent u jġorr il-ħatab għall-kċina, jew jitqandel bil-ħorġa tqila ta' Fra Kelment li kien imur jilqgħu f'nofs ta' triq u jħottlu minn fuq dahru malli kien jarah jitfaċċa fil-mogħdija huwa u ġej miċ-ċirka.

Għall-ewwel jumejn li kien jintasab taħt il-ħnejjiet tal-kunvent biex ilaqqat xi ħaġa ta' l-ikel, kien dabbar daqsxejn ta' bieqja minn għand Grezz tal-għalqa fejn kien igħaddi l-lejl taħt xi siġra u fiha kien ilaqqat ftit tisjir minn wara l-bieb tal-kunvent flimkien ma' dawk l-erba' tallaba li ma' nofs in-nhar kienu jinġabru wara l-bieb biex jitrejqu mill-fdalijiet tal-kċina tal-kunvent; iżda wara ġimagħtejn għamel ħbieb mal-kok, li ma kienx baqa' jħallih imur bil-bieqja jistenna ma' dawk ix-xjuħ biex ilaqqat xi ħaġa x'jiekol minn wara l-bieb tal-kunvent, u sew f'nofs in-nhar kemm fil-għaxija, Żażu, wara li kien ikun ilu jum sħiħ igħin lill-ġardinar inaddaf il-ġnien mill-ħaxix ħażin, isaqqi jew idemmel, jew madwar il-kok iqaxxar il-basal jew il-patata jew iqabbadlu n-nar, kien joħroġ il-ħobża ta' awl il-lejl minn ħobbu u jfettitha fil-minestra jew fil-kafè f'rokna tal-kċina. Qatt iżjed ma ċċaqlaq minn ħdejn il-kunvent, u, meta fi dħul ix-xitwa l-għadu raġa' ħabat ġej ihedded mill-ajru biex ifarrak il-Gżira u jeqred in-nies li fiha, u l-kunvent ħass għal xi darbtejn il-qilla

tal-balal miżrugħin madwaru jwaqqgħulu xi ħnejja bis-saqaf u jxaqqulu l-ħitan, fil-waqt li l-patrijiet kollha kienu jinżlu biex jistkennu fl-egħrien ta' taħt il-ġnien, Żażu kont tarah jidħol il-knisja, u, bla ma jiċċaqlaq xejn, minn hemm, saħansitra meta jisma' l-balla ssaffar f'widnejh donnha nieżla fuq il-koppla tal-knisja, u l-art titriegħed taħt saqajh u l-ħġieġ tat-twieqi iċaqċqu fuq rasu, huwa kien jibqa' għar-rkobbtejh,għajnejh u fommu mdendlin mal-għajnejn u fomm ta' dik il-Ħanina Omm bil-Bambin Ġesù f'ħoġorha li taħt il-kwadru tagħha huwa kien iħobb imur jistkenn u bil-ħarsa tagħha biss kien iħossu rasu mistrieħa u qalbu qawwija.

"Żażu, tridx toqgħod magħna?"Darba staqsieh il-Gwardjan meta niżel fil-kċina u'sabu jnaddaf il-borom bix-xaħx tal-ħamrija, "fejn tmur ma għandekx. Id-dinja, għad li ma ġarrabthiex, warrabtha minn qalbek u taqbel għal magħna. Xi tgħidli?"

Zażu rafa' rasu, tbissem, iżda wieġeb ferħan itemtem: "Noqgħod".

"Imma jkollok tilbes iċ-ċoqqa u mbagħad ngħallmuk xi ħaġa."

Żażu tbissem, iżda did-darba ma weġibx.

"Ikollok tilbes bħalna."

"Libsa m'għandix" temtem Zażu, meta fehmu sewwa.

"Libsa nagħtuk. U b'hekk tinsatar għalkollox mill-frugħat tad-dinja. Dil-libsa tħarsek minn kull xewqa ta' frugħa u mid-dnub tal-ġisem. Tagħti ruħek lil Alla, tħobb Lilu fuq kollox u tgħix Għalih," dlonk widdbu l-Gwardjan.

"Jien inħobb lill-Madonna u lill-Bambin" temtem u raġa' temtem u billi ma satax joħroġ il-kliem kollu f'daqqa, gidem xofftejh u għalaq għajnejh sakemm qalagħhom kollha minn qiegħ gerżumtu.

"Sewwa wisq... u ibqa' ħobb Lilha u lill-Bambin Ġesù tagħha", qallu bi tbissima l-Gwardjan fil-waqt li taptaplu bi ħlewwa b'idu l-leminija fuq il-ħadd ta' wiċċu.

Żażu wara ftit ġimgħat deher liebes iċ-ċoqqa bl-isem ta' Marjan, iżda fost il-patrijiet tal-Kunvent tal-Kabbuċċini hu nzerta l-iktar wieħed li ma jafx jaqra u ma jafx iħażżeż ismu, u ħlief jagħżaq, iqaxxar il-basal u l-patata u jnewwel is-siġġijiet fil-knisja, iżjed ma kien jaf jagħmel xejn li jgħodd għall-kunvent, la b'moħħu u lanqas b'idejh. Din kienet l-għoqla ta' qalbu u, meta wasal l-Avvent u qorob il-Milied u fil-knisja beda jinstama' mal-leħen ta' l-orgni jidwi f'widnejh il-kant ta' tifħir u ferħ lil Alla minn fomm

sħabu tal-kunvent, qalbu ngħafset u ħass għall-ewwel darba l-għira ta' dik is-sengħa li hu ma satax jagħmel ħiltu biex jidħol għaliha. Xtaq li dak il-kant isemmgħu bl-organett, dik il-biċċa għodda ta' seneghtu hekk għażiża li hu baqa' jżomm moħbija fil-but ta' sidru. Biex jaqta' xi ftit xewqtu kien imur fil-ħinijiet ta' wara l-ikel fl-ibgħad rokna tal-ġnien u hemm jagħmel ħiltu jdoqq bħal dak il-kant tal-knisja li baqa' jiftakar, iżda, jaħasra, dak id-daqq bl-organett sħabu ma kinux imdorrijin bih u ġietu bħal mistħija biex igħid-ilhom bih u jħajjarhom jisimgħuh.

* * *

Kien għoddu wasal lejlet il-Milied u l-patrijiet kienu kollhom ħrara u ħeġġa biex dik is-sena jagħmlu presepju li għal dik li hi sengħa u sbuħija ikun bil-bosta aħjar minn ta' snin oħra, għalkem iż-żminijiet koroh kienu berrdu qalb kulħadd, il-qima ta' dawk il-patrijiet lejn Ġesù Bambin, Sultan tal-Paċi, donnha f'dawk iż-żminijiet xegħlet fihom wisq iktar, u skond ma kienu jifhmu dawk in-nies ta' ħajja qaddisa marbuta mal-ħniena ta' Ġesù Bambin, kellha, għal dik il-ħabta, tixgħel wisq iżjed.

Kulħadd medd idejh; Fra Krispin, is-sagristan, indaħal għall-bini tal-grotta; Fra Girgor, il ġardinar ħaseb għat-tqassim u mmuntar ta' l-egħlieqi. tal-wied, tas-sienja u tal-blat; Fra Kelment, li kien imur idur għaċ-ċirka, u kellu l-ikbar imħabba għall-Madonna u għall-Bambin, u jaf jagħ-mel il-pasturi, jiżbogħhom u jżewwaqhom bi lwien li jaqblu għal mad-drawwa taż-żminijiet tat-Twelid ta' Kristu, din id-darba ħadimhom b'forom kbar fuq pasturi ta' barra minn Malta li kien iddobba minn għand wieħed mill-patrijiet ta' Ġieżu li kien il-Palestina: il-Madonna kienet xi ħaġa li tgħaxxqek b'dawk l-idejn miftuħin, b'dak il-wiċċ ta' tjubija u b'dik it-tbissima ta' fomm hekk ħelu; imbagħad xi ngħidu għal dak il-Bambin, b'għajnejh iżebbġu u jidħku lil kull min iħares lejh, alavolja tarbija... Fra Bert li kellu idejh li minnhom kienet toħroġ tpinġija li ma tagħrafhiex minn dak li naraw fin-natura: is-sema, il-għoljiet, id-djar, l-egħ-rejjex, il-goron, is-siġar tal-palm, waħda 'l hawn u l-oħra 'l hinn fix-xagħri ta' Betlem, kollox għaraf ipinġi fuq it-tila ta' wara l-presepju li tisthajlek qiegħed tara l-pajjiż ta' Betlem ta' żmien il-Bambin Gesù. Iżda biċċa xogħol oħra tas-sengħa kienet dik ta' Fra Ġirolmu, il-kok, li kellu f'idejh ix-xogħol tat-tqegħid tad-dwal u tal-mekkaniżmu kollu tal-

presepju, ibda mill-qamar bil-kwiekeb jiddu u jteptpu f'qiegħ is-sema; il-kewkba l-kbira fuq il-għar bir-raġġiera li tarmi dawl aħmar—il-mewġ ta' dija li titbiddel fi lwien il-qawsalla mitfugħa għal ġewwa l-għar fuq ix-xbihat tal-Madonna, tal-Bambin u ta' San Ġużepp—l-ilma mil-lewn il-fidda jnixxi mill-blat għal fuq il-moġra, u s-sienja bil-ħmar idur u jtalla' l-ilma għal ġewwa s-swieqi—ħwejjeġ li jgħaġġbu u li fuqhom kemm-il-wieħed li mar iżur dak il-presepju baqa' msaħħar!

Fra Marjan ħass għat-tieni darba għafsa f'qalbu meta ra li sħabu kollha kellhom il-ħila jieħdu sehem f'din l-opra hekk sabiħa li għaliha kien imsemmi l-kunvent fost in-nies ta' dawk l-inħawi u xtaq li l-art tibilgħu meta fil-waqt li xi nies ġew jaraw il-presepju sama' lil Patri Serafin, l-organista, isemmi lil dawk il-Frajjiet kollha barra lilu, wieħed wara l-ieħor, li ħadmu fil-presepju u x-xogħol li għamlu fih —xtaq li l-art tibilgħu, u minn dak in-nhar wiċċu tbiddel u deher dejjem waħdu jiskarta lil sħabu u dejjem rasu mgħaddsa jaħseb, bla ma jiftaħ fommu. Hu li kien iħobb daqshekk lill-Madonna u l-Bambin Ġesù ma kellu l-ħila jagħmel xejn għalihom fil-jum għażiż tagħhom.— "Jien fost sħabi kollha li ma kellix il-ħila nuri lill-Madonna u lill-Bambin x'naf nagħmel għalihom. Jaħasra biex ma tgħallimt ebda sengħa li biha nista' nżejjen l-imsejkna dwejra tagħhom... Kemm jien risqi ħażin... għalija m'hemmx Ġenna... meta mmut il-bieb tal-Genna ma jiftħuhulix." U nfexx jibki bħal tarbija. L-għada ħasibha aħjar. "Iva, immur, nidħol il-knisja waħdi, noqgħod għar-rkobbtejja u nitlobhom maħfra. Jaħfruli." U malli għal fil-għaxija għalqet il-knisja u l-patrijiet kienu kollha miġburin fiċ-ċella tagħhom, u l-kunvent kollu kien midfun fi skiet u ħemda, Fra Marjan niżel inkiss inkiss, qasam il-kuritur mudlam u daħal il-knisja mill-bieb tas-sagrestija bil-ħsieb li jmur jinxteħet jitlob maħfra quddiem il-presepju mibni fuq l-artal ta' San Franġisk fil-kappella max-xellug ta' l-artal maġġur.

Kien l-għada tal-Milied u l-presepju kien għadu mixgħul bid-dwal kollha qalb iż-żara' ta' qamħ u ġilbiena u bl-inrieżaq, jixħtu d-dija tagħhom għal ġewwa l-għar mill-fetħiet tal-ġnub tal-blat.

Il-Gwardjan li ma kienx iħarrek għajnejh minn fuq kull ċaqliqa li jagħmel kull wieħed mill-merħla tiegħu u kien jaqra fil-għajnejn ta' kull wieħed minnhom, dlonk intebaħ bil-bidla li għamel Fra Marjan minn mindu sħabu kienu waqqfu dak il-presepju u minnufih il-bixra mdejqa ta'

wiċċu kienet turi illi dak l-imsejken ta' tifel kien qed iħoss xi weġgħa f'qalbu li ma kenitx tagħtih sabar la biex jaħdem, la biex jitlob u lanqas biex jitrejjaq. Iżda wara xi jumejn fuq il-Milied il-Gwardjan intebaħ ukoll illi wiċċu beda jieħu d-dawl, fommu kien 'l hawn 'l hinn jinkiser fi tbissima, u mixjitu jħarrikha b'iżjed ħeġġa minn dari, għalkemm 'l hawn u 'l hinn ukoll rasu kien igħaddasha u jtemtem xi kliem waħdu, jarfa' għajnejh lejn is-sema, igħaqqad idejh u jitbissem.

Il-Gwardjan baqa' jgħassislu, u, meta mbagħad tkixxef li kull fil-għaxija fil-waqt tas-sigħat tas-skiet meta n-nies talkunvent kienet qabel il-għaxa tinġabar ġewwa ċ-ċelel, Fra Marjan kien imur iqattagħha fil-knisja, il-Gwardjan tkellem ma' l-egħref żewġ patrijiet tal-kunvent u wara li stħarrġu l-fehmiet ta' xulxin, qatgħu li għandhom jitkixxfu x'kien jidħol jagħmel Fra Marjan ta' kull lejla fil-knisja u joqgħod hemm għal siegħa sħiħa.

Dik il-lejla stess, wara li għalqet il-knisja u laħaq dalam, il-Gwardjan flimkien ma' Patri Wistin il-Lettur, u Patri Damjan, is-Surmast tan-Novizzi, niżlu l-knisja minn bieb talkuritur ta' fuq li jagħti għall-garagor ta' l-orgni u kif laħqu l-aħħar tarġa u rifsu l-art, marru kisknijiet f'rokna mudlama tal-ġenb tax-xellug tal-bieb ta' barra ħdejn il-ħawt ta' l-ilma mbierek u bdew iħarsu 'l hawn u 'l hinn ifittxu lil Fra Marjan. Iżda fil-knisja kien hemm dalma li bilkemm kien jidher l-artal maġġur... u tefgħu l-ħarsa tagħhom fuq il-kappella fejn kien hemm il-presepju mdawwal 'l hawn u 'l hinn bi dwal ċkejkna li kienu jiksru d-dalma ta' dak il-ġenb, u .. x'kien il-għaġeb tagħhom meta fil-bogħod quddiem il-presepju, qalb il-qsari tal palm u ta' l-aspedisti li bihom kienu mżejnin il-mogħdija u t-tarġiet tal-kappella ta' San Franġisk jilmħu lil Fra Marjan b'idejh miftuħin idur qisu żugraga, imbagħad jieqaf, jorbot idejh u jħabbat saqajh fuq it-tapit, jiżfen dik iż-żifna li kien jiżfen fil-ħwienet taż-żenqa t-twila u li biha kien igħaġġeb saħansitra lill-baħrin. Fra Marjan kien ħass il-bżonn li huwa, bħal sħabu, joffri lill-Bambin Ġesù xi ħaġa mill-ħila tiegħu u, dik il-lejla waħda mill-isbaħ ħidmiet tas-sengħa tiegħu li kif deherlu l-Bambin għandu jgħożż kienet dik iż-żifna. Il Gwardjan u t-tnejn l-oħra kienu diġà sa jersqu biex ma jħallux lil Fra Marjan jibqa' jagħmel dawk il-mossi ta' miġnun. Huma kienu jafu li Fra Marjan kien daqsxejn ħafif minn rasu, iżda qatt ma ħasbu li moħħu sa jasal biex jitlef ir-rotta għal kollox b'mod li jġagħlu jagħmel dak il-għajb kollu ġewwa l-knisja. Imma f daqqa

waħda ddoqq is-sirena u, mad-daqq tas-sirena jinstama' sparar qawwi tal-kanuni, treddin ta' ajruplani u tfaqqigħ ta' bombi fil-qrib... Il-Patrijiet waqfu u trekknu taħt ħnejja u triegħdu bla ma felħu jiċċaqalqu. Fra Marjan baqa' jiżfen u jħabbat saqajh u iżjed ma jżid l-isparar tal-kanuni u t-tfaqqigħ tal-bombi, iżjed iħabbat saqajh u jonfoħ bla ma jaqta' nifsu jew jieqaf. F'daqqa waħda l-għajta qawwija tas-sirena ħabbret li l-għadu telaq u waqgħet sikta. Iżda Fra Marjan ma waqafx; f'dik is-saħna ta' żifna kien intilef għal kollox u tħajjar ibiddel ix-xejra ta' dik il-qima lejn Ġesù Bambin u nqaleb rasu 'l isfel u saqajh il fuq. Il-Gwardjan u sħabu ma' l-aħbar tas-sirena li l-biża' għadda ħarġu mir-rokna u qalbhom qawwija ċċaqalqu u meddew riġlejhom biex ifittxu jwarrbu lil Fra Marjan mill-knisja u jieħdu ħsiebu qabel ma l-qilla tas-Sema tinfexx fuq il-kunvent u fuqhom. Iżda kif għoddhom resqin lejn Fra Marjan u sa jmiddu idejhom fuqu jilmħu 'l Bambin Ġesù ta' ġewwa l-presepju jqajjem rasu, u b'għajnejh iżebbġu u bi tbissima f'fommu iqum minn fuq it-tiben u b'idejh miftuħin imidd saqajh biex imur għand Fra Marjan, fil-waqt li l-Madonna u San Ġużepp jaqbduh minn idejh, il-waħda mix-xellug u l-ieħor mil-lemin. In-nies u l-bhejjem tal-presepju kollha jitħarrku; ir-ragħajja jqumu, taż-żaqq jiżżegleg u jonfoħ, l-imgħaġġeb jiftaħ idejh, il-ħmar italla' rasu u jinħaq, il-baqra tiftaħ imnifsejha u tgħajjat, u n-ngħaġ bir-ragħaj warajhom jitilgħu mill-wied u jaqbdu l-mogħdija tal-għar, waqt li mat-tgelgil ta' l-ilma jnixxi mill-blat jinstama' fis-smewwiet id-daqq ta' qatgħa kbira ta' anġli, min jagħti bil-katuba, min bit-tanbur, min iħabbat bil-plattini, min iċekċek bil-qniepen, min jonfoħ il-kurunetta, min iħanxar bil-vjolin jew bil-kuntrabaxx... u Fra Marjan, li raġa' qaleb għaż-żfin, bil-għaraq nieżel miegħu jagħti dejjem b'saqajh, b'idejh miftuħin, kollu ferħan, u bit-tbissima f'fommu jħares il fuq donnu tiela' s-Sema... Minn fuq rasu, mat-triqat imdawla tas-Smewwiet, kienu għaddejjin qtajja' ta' anġli oħra rekbin fuq l-ajruplani jaqdfu bil-ġwienaħ tad-deheb u bil-bnadar bojod iperpru f'idejhom igħannu: "Ġieh 'l Alla fl-ogħla tas-Sema u Sliem lill-Bnedmin ta' rieda tajba"... Il-Gwardjan u sħabu niżlu għarrkobbtejhom, għaddsu rashom biesu l-art u qalu: "U barka lil dawk li għandhom qalbhom safja għax huma li jaraw wiċċ Alla".

A. Cremona